V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8415 — Ennoconn/S&T)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 111/12)

1. Fil-31 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriża Ennoconn Corporation ('Ennoconn', it-Tajwan), impriża li fiha Hon Hai Precision Co Ltd ('Hon Hai', it-Tajwan) għandha interess ta' ekwità, takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll de facto tal-impriża S&T AG ("S&T", l-Awstrija) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Ennoconn: il-forniment ta' servizzi ta' manifattura elettronika lill-manifatturi ta' tagħmir oriġinali elettroniku. Ennoconn topera madwar id-dinja,

— għal Hon Hai: il-forniment ta' servizzi tal-manifattura elettronika lill-produtturi ta' tagħmir oriġinali (OEMs) ta' prodotti elettroniċi bħal kompjuters, mowbajls, televiżjonijiet u consoles tal-logħob tal-vidjo. Hon Hai topera fil-kontinenti Amerikani, fl-Asja u fl-Ewropa,

— għal S&T: l-iżvilupp ta' tagħmir ibbażat fuq hardware u software u soluzzjonijiet integrati, u l-forniment ta' servizzi tat-teknoloġiji tal-informazzjoni bħall-integrazzjoni tas-sistema, l-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-software u s-servizzi ta' esternalizzazzjoni. S&T AG tinsab f'aktar minn 20 pajjiż.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301), b'posta elettronika lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bir-referenza M.8415 — Ennoconn/S&T, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").